GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 33 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 5 ta' April 2011, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Jum Ħal Għaxaq;
5. It-Toroq;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

1. **<u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 32 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **<u>Tagħrif mill-Minuti</u>**

Dwar item 3.8 Min. 31 L-Awtorita' tad-Djar fl-Iskema ta' Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern ser tagħti sa massimu ta' €75,000 lil kull Kunsill li wassal il-proposti tiegħu.

Dwar item 3.24 rigward is-Sinj. Mallia biex minn Skala 13 titla' Skala 11, is-Segretarju qalet li skond ir-Regolamenti tar-Riżorsi Umani tal-Kunsilli Lokali S.L. 363.20 (3) is-Sinj. Mallia ma tistax tmur mill-ewwel għal għola *notch* fi Skala 11 iżda trid tibda fi skala b'żieda li turi li l-iskala ġdida tagħha u kemm il-darba jkun neċessarju tinqabeż *notch* biex tkun aktar mill-aħħar salarju li kellha. Għaldaqstant is-Sinj. Mallia trid tibda Skala 11 f'*notch* li tkun għola mis-salarju li għandha fi Skala 13.
Il-Kunsill iddeċieda li biex tiġġustifika x-xogħol li tagħmel is-Snjra. Mallia l-paga li tibda mill-1 ta' April, 2011, tkun dik ta' €15,528.34.

3. **<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment fejn infurmaw li dwar il-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-WSC fir-rigward tal-iskema tal-PPP, id-Dipartiment apporva li jgħaddi 30% tal-ammont imsemmi ta' € 71,000 i.e. € 21,300 bħala ħlas *extra*, dawn jiġu mgħoddija meta l-Kunsill ikun għamel il-ħlas lill-WSC u jippreżenta kopja tal-irċevuti lid-Dipartiment.

   Fuq l-istess suġġett ukoll id-Dipartiment għarrafna li ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar l-iskedatal-PPP u fir-rigward tal-pagamenti, l-ewwel wiehd ta' 10% isir hekk kif jiġi ffirmat il-kuntratt ( dan diġa' ingħata), fil-waqt nofs l-10% ta' dak li jkun fadal jiġi mġhoddi lill-Kunsill kif jitlesta x-xogħol wara t-tieni sena u nofs l-ieħor jingħata wara t-tielet sena.

2. Mill-AKL infurmaw bis-servizz li qed toffri l-Kumpanija Electro Waste Malta Ltd. lill-Kunsilli Lokali dwar ġbir ta' skart li jikoinsisti f'oġġetti elettriċi u wkoll ħwejjeġ li jkunu wżati. Is-Sindku qal li l-aħjar isir appuntament sabiex inkunu nafu eżatt din il-kumpanija x'ser toffri.

3. Mill-M.E.P.A. infurmaw dwar l-*UIF Statement of Funds* li l-bilanċ disponibbli għall-lokalita' tagħna huwa ta' € 13,207.56.

4. Mit-Transport Malta, fejn irċevejna rapport għal talba ta' *reserved parking* ta' Ms Carmela Gravina li toqgħod f' 34, Triq Dar il-Bebbux. Il-Kunsill iddeċieda li tinkiteb ittra lit-Transport Malta fejn tgħid li din ir-*reserved parking* se tkun ġo sqaq li hu wesa' ta' karozza.

5. Mingħand Schembri Infrastructures Ltd., fejn qed jitolbu l-ħlas għal xogħol li sar fi Triq il-Ħannieqa li jammonta għal € 18,252.99 li minnhu hemm l-ammont ta' € 10,319.76 li jkopri xogħol tal-asfalt, huma qed jissuġġerixxu li jsir il-ħlas tagħha mingħajr ix-xogħol tal-asfalt peress li għad fadal xi problemi li jrid jiġu rranġati f'din it-triq mill-istess kuntrattur. Is-Sindku qal li t-toroq għad iridu jiġu ċċertifikati mill-Perit tal-Kunsill.

6. Irċevejna stedina għall-Kunsill kollu mingħand il-Kappillan għal Inawgurazzjoni tal-Ecce Homo, fl-14 t'April, 2011, fis-7:30 p.m., fil-Knisja Parrokkjali.

7. Mingħand is-Sur Portelli, kap tal-Kulleġġ San Benedittu Skola Sekondarja tas-Subien ta' Ħal Kirkop, infurmana dwar il-Festa Komunita' u Kultura Maltija li ser isir fit-13 ta' Mejju, 2011, ġewwa l-Iskola stess.

**4. <u>Jum Ħal Għaxaq</u>**

Wara diskussjoni ġie deċiż li Jum Ħal Għaxaq isir nhar il-Ħadd, 24 ta' April, 2011, minħabba li l-ġurnata li kienet ġiet deċiża it-8 ta' Mejju, 2010, se tkun Jum l-Omm.. Il-programm jibda b'quddiesa fid-9.00am.

Is-Sur Abdilla qal li hemm persuna Ms Maria Schembri li ghamlet xi progett ta' l-Unjoni Ewropea intenzjonat li jitghallmu t-tal minnhu. Minhabba lid an il-progett ghadu jrid jigi accettat l-Kunsill ddecieda li ghal din is-sena ma jghati Gieh Hal Ghaxaq lill-ebda persuna.

Minhabba li waqt il-laqgha Nru 32 kienet ghada ma ttiehdetx decizjoni lil min se jghata Gieh Hal Ghaxaq il-Kunsillier Picco qal li tkun haga xierqa kieku Gieh Hal Ghaxaq jinghata liz-zewg Ghaqdiet Muzikali tar-Rahal ta' l-unuri li kisbu.

Wara diskussjoni l-Kunsill iddecieda li 'Ġieħ Ħal Għaxaq' jingħata liż-żewġ Għaqdiet Mużikali tar-Raħal b'rikonoxximent tal-unuri li kisbu fit-taqsima tax-xoghol tal-piroteknika. jigifieri li dawn rebhu zewg konkorsi, wiehed lokali u iehor internazzjonali fit-taqsima tal-piroteknika..

Is-Sur Abdilla qal li hu ma ried jghid xejn biex jinghata Gieh Hal Ghaxaq liz-zewg kazini u r-raguni li gieb kienet li minhabba li kellu forma ta' konflitt ta interess minhabba li t-tifel tieghi, li jaghmel parti minn kazin partikulari, kien wiehed mir-rebbieha tal-konkors tal-piroteknika.

Is-Sindku qal li l- *open day* tat-Turretta ssir fl-istess ġurnata.

Sar qbil li jsir riċeviment dakinhar fis-7.30pm fis-Sala tal-Kappillan u l-lista tal-mistednin hija l-istess bhal tas-sena l-ohra.

Sar qbil ukoll li ssir wirja tal-karozzi Ferrari.

5. **<u>It-Toroq</u>**

Is-Sindku qal li l-Gvern Lokali se jgħaddi lill-Kunsill is-somma ta' €21,000 li hi parti mis-somma ta' €71,000 li l-Kunsill irid iħallas lill-Korporazzjoni tal-Ilma.

Is-Sindku qal ukoll li l-Gvern Ċentrali ser jagħmel it-tarmak fi tlett toroq li kienu fil-programm tal-Kunsill. Għaldaqstant il-flus li kienu se jintefqu fuq dawn it-toroq li se jagħmel il-Gvern jistgħu jintefqu mill-Kunsill biex isir xoghol ieħor.

Hawnhekk il-Kunsill qabel li jiġi kkuntatjat Bonnici Group biex jibda ix-xogħol tal-kisi tat-toroq.

**6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.**

1.Is-Sindku qal li jeħtieġ nordnaw sinjali biex ir-residenti jkunu jafu li se jibda ix-xogħol fit-toroq. Jeħtieġ ukoll jinxtraw *stickers* biex ma jintremhiex skart. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sur Attard qal li jeħtieġ isiru rampi fid-daħliet tal-*Housing Estate*. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sur Picco qal li wasal iż-żmien li l-Kunsill joħroġ fuljett ieħor u talab lill-Kunsilliera jiktbu artikli għall-fuljett. Il-Kunsill qabel

4. Il-Kunsillier Agius qalet li Triq il-Ħareb niżlet it-triq. Is-Sindku qal li din se tittranġa.

5. Is-Sindku qal li saret talba għal bozza fi Triq Giuseppi Demicoli. Il-Kunsill qabel li din issir.

6. Il-Kunsillier Agius qalet li hemm il-ħtieġa ta' bozza fi Triq San Gorg. Il-Kunsill qabel.

7. Il-Kunsillier Agius qalet li hemm bozza mhux tixgħel fuq arblu fejn il-garaxxijiet fi Triq ir-Rebbiegħa.

8. Il-Kunsillier Picco qal li għandu lment dwar persuna li trabbi n-naħal fuq il-bejt. Is-Sindku qal li din ma tistax tiġi mġiegħla tneħħieh għax in-naħal protett. Il-Kunsillier Picco qal li se jiġbor petizzjoni biex dan in-naħal jitneħħa. Il-Kunsill qabel.

9. Is-Sindku qal li jeħtieġ tittranġa l-irħama li hemm fl-intrata tal-Kunsill biex jitnizzel l-Kunsillier Picco. Il-Kunsill qabel.

10. Is-Sindku qal li jeħtieġ li nixtru jew nordnaw tlett arbli tal-injam għal bandieri. Il-Kunsill qabel.

7. **Aġġornament**

Is-Sindku fit-3.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju 2011, fis-2.00 pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- It-Tlieta 3 ta' Mejju 2011 fis-2.00pm.**